32005D0606



# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Awwissu 2005

## Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara operattiv il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-istokk Pelaġiku fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd 2005/606/KE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 585/2004/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni kkomunikata mill-Olanda fid-19 ta' Mejju 2005 f'isem id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvenzja u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd[2] u d-Deċiżjoni Nru 585/2004/KE jipprovdu l-qafas għall-istituzzjoni u l-operazzjoni tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

(2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 585/2004/KE jistabbilixxi Kunsill Konsultattiv Reġjonali biex ikopri l-istokk pelaġiku (merlangu kavall, sawrell, aringi) fiż-żoni kollha tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES)[3] minbarra l-Baħar Baltiku.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 585/2004/KE, ir-rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi oħra ta' interessi ressqu talba lid-Danimarka, il-

---

1 ĠU L 256, 3.08.2004, p. 17.
2 ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
3 Kif iddefinit fir-Regolament (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991, ĠU L365, 31.12.1991, p.1

Ġermanja, Spanja, Franza, l-Irlanda, l-Olanda, il-Polonja il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit biex dan il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali jsir operattiv.

(4) F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 585/2004/KE, l-Istati Membri kkonċernati żguraw jekk l-applikazzjoni li tikkonċerna lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-istokk Pelaġiku kinitx konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Fid-19 ta' Mejju 2005, l-Istati Membri kkonċernati kkomunikaw lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni dwar dan il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali.

(5) Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjoni mill-partijiet interessati u r-rakkomandazzjoni fil-kuntest tad-Deċiżjoni 585/2004/KE u l-miri u l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd u kkonkludiet li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-istokk Pelaġiku kien lest li jibda jopera.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-istokk pelaġiku, imwaqqaf bl-Artikolu 2(1) (f) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, għandu jibda jopera mis-16 ta' Awwissu 2005.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kummissjoni*
*Joe Borg*
*Membru tal-Kummissjoni*